**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 15/2018**
**Wara sentenza tal-Arbitru (Att dwar is-Sigurta' Socjali) bin-numru 323/18 datata 31 ta' Ottubru, 2018**

**Yvette Attard (K.I. numru: 413876M)**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

**Illum 12 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mill-konvenut Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali minn decizjoni in parte tal-Arbitru (Att dwar is-Sigurta' Socjali) datata 31 ta' Ottubru, 2018. Il-fatti fil-qosor tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. Illi l-appellata Yvette Attard intavolat appell lis-Segretarja tal-Arbitru datat 17 ta' Jannar, 2016 (is-sena giet indikata bhala 2016 probabbli b'*lapsus calami* stante li kellha tkun 2017) fejn permezz tieghu hija talbet

li d-decizjoni datata 4 ta' Jannar, 2017 ghal hlas tal-ammont ta' erbgha u tletin elf disgha mija tlieta u tletin ewro u tmien centezmi (€34,933.08) tigi rrevokata, mhassra u kkancellata u dana stante li hija qatt ma kienet impjegata la ma terzi u lanqas self-employed (ara appell fil-process quddiem l-Arbitru li pero' m'huwiex numerat);

ii. Illi d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ntavola r-risposta tieghu quddiem l-Arbitru permezz ta' ittra datata 8 ta' Novembru, 2017. Fl-imsemmija ittra d-Direttur issolleva eccezzjoni preliminari u cioe' li l-appell tas-17 ta' Jannar, 2017 ma sarx fuq decizjoni pero' fuq nota biex tfakkar mibghuta mid-Direttur ghal hlas li nghata zejjed f'ghajnuna socjali/beneficcju fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, disa' mija tlieta u tletin ewro u tmien centezmi (€34,933.08). Id-Direttur zied jghid li l-appellata qatt ma ntavolat appell fuq id-decizjonijiet mehuda minnu fiz-zmien opportun u ghalhekk l-appell intavolat huwa wkoll tardiv. Talab ghalhekk lil Arbitru sabiex jikkunsidra dan l-appell bhala wiehed irritu u null stante li ma jitratta l-ebda decizjoni partikolari tad-Direttur fuq punt ta' Ligi jew principju ta' mportanza (ara risposta fil-process quddiem l-Arbitru li pero' m'huwiex numerat);

iii. Illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2018 l-appellata Yvette Attard dehret quddiem l-Arbitru u tat id-deposizzjoni taghha bil-gurament fejn ikkonfermat li l-karta li rceviet '*…hija l-karta li hadet ghand l-Avukat, u infatti ma rcevietx l-avvizi tas-smiegh ta' dan l-appell u giet infurmata permezz ta' telefonata meta nbidlet id-data.*' Fl-imsemmija seduta, l-appell thalla ghas-sentenza preliminari u l-partijiet inghataw l-opportunita' li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

iv. Illi l-appellata ressqet is-sottomissjonijiet taghha nhar l-10 ta' April, 2018 fejn fost affarijiet ohra, hija ssottomettiet li qatt ma giet notifikata bid-decizjonijiet u ghalhekk hija ma setghet qatt tintavola appell minnhom. Hija spjegat li tghix go blokk ta' appartamenti u kien hemm okkazzjonijiet varji fejn il-posta thalltet ma ta' appartamenti ohra b'tali mod li ma tkunx irceviethom hi. Issottomettiet ukoll li fil-process quddiem l-Arbitru ma gew prezentati l-ebda provi li l-appellata Yvette Attard kienet giet notifikata bid-decizjonijiet tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali stante li lanqas biss ma ntbghatet b'posta registrata;

v. Illi d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ressaq is-sottomissjonijiet tieghu permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju, 2018 intavolata fl-ufficju tal-Arbitru nhar it-23 ta' Awwissu, 2018 fejn ikkonferma mill-gdid il-posizzjoni tieghu skont ir-risposta datata 8 ta' Novembru, 2017. Id-Direttur appellanti kkonkluda li l-ammont dovut ta' erbgha u tletin elf disa' mija tlieta u tletin ewro u tmien centezmi (€34,933.08) kien jirrapprezenta hames (5) *overpayments* differenti bejn il-perijodi tas-17 ta' Gunju, 2010 u s-7 ta' Jannar, 2016 u sahaq li bilfors li l-appellata kellha konoxxenza taghhom ghaliex hija kienet gia qeghda tircievi l-beneficcji bin-nuqqas.

2. Illi l-Arbitru permezz tad-decizjoni tieghu datata 31 ta' Ottubru, 2018 cahad l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellanti Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali dwar in-nullita' tal-Appell u fejn gie deciz kif isegwi:

*'Il-massimu legali huwa wiehed: min jallega jrid jipprova. L-allegazzjoni*

*ta' nuqqas ta' notifika hija wahda serja u d-Dipartiment kellu jaderixxi ma' dan il-massimu. Skont l-artikolu tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 dwar il-Metodu ta' Notifika ta' Atti Gudizzjarji huwa car illi kull dokument li ghandu jigi sottomess bhala evidenza fl-istess procedura.*

*L-arbitru f'dan il-kaz jikkonkludi li ma hemmx il-prova kif trid il-ligi illi l-appellanti giet notifikata bid-decizjoni in mertu.*

*Konsegwentament l-eccezzjoni preliminari dwar nullita' tal-Appell huwa michud. L-arbitru jordna ghalhekk li l-appell jitkompla fuq il-mertu.'*

3. Illi l-konvenut Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali hassu aggravat b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavola l-appell odjern nhar l-5 ta' Dicembru, 2018. Permezz tal-imsemmi appell huwa ressaq zewg (2) aggravji kif isegwi:

(i) Illi sar apprezzament hazin tal-provi

F'dan l-aggravju l-appellant Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jibda billi jirrileva li din il-Qorti m'ghandiex il-kompetenza taghmel rivalutazzjoni tal-provi ghajr kif huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna, f'kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi. Jghid li dan huwa l-kaz prezenti u fir-rigward, l-appellanti Direttur jikkwota mill-gurisprudenza nostrana fosthom mis-sentenzi fl-ismijiet **Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali -vs- Shannon Cauchi** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003; **Sharon Tonna -vs- Joseph Tonna** deciza nhar is-27 ta' Jannar, 2017 u **Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali -vs- Michael Ellul** deciza nhar l-20 ta' Ottubru 2003.

Illi l-appellanti Direttur jaghti riassunt tal-fatti fejn irrileva li huwa ha hames (5) decizjonijiet, liema decizjonijiet gew mibghuta lill-appellata Yvette Attard fl-indirizz Millenia, Flat 4 fi Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar liema indirizz gie moghti mill-appellata stess lid-Direttur appellanti u li gie wkoll ikkonfermat mic-Common Database (CDB). Mid-decizjonijiet l-appellata Yvette Attard ma ntavolat l-ebda appell u kien ghalhekk li d-Direttur appellanti bghat reminder (l-ittra tal-4 ta' Jannar, 2017) sabiex isir il-hlas tal-ammont ta' erbgha u tletin elf disgha mija tlieta u tletin ewro u tmien centezmi (€34,933.08) liema ammont johrog mid-decizjonijiet li nghataw bejn il-perijodu 17 ta' Gunju, 2010 u s-7 ta' Jannar, 2016. L-appellant Direttur jishaq li l-appell huwa wiehed *fuori termine*.

Illi l-appellant Direttur jishaq li dan l-aggravju gie sottomess stante li l-Arbitru ma kkunsidrax li l-appell sar minn avviz ghal hlas datat 4 ta' Jannar, 2017 u mhux mid-decizjoni tal-25 ta' Novembru, 2015 (wahda mill-hames (5) decizjonijiet). Jishaq in oltre li kienet l-istess appellata Yvette Attard li pprezentat kopja tad-decizjoni tal-25 ta' Novembru, 2015.

(ii) Illi saret applikazzjoni hazina tal-Ligi

L-appellant Direttur jissottometti li l-pern tad-decizjoni tal-Arbitru hija proprju n-notifika tad-decizjonijiet tieghu. Huwa jispjega li l-procedura hija tali li wara li d-Direttur jinvestiga l-kazijiet huwa jibghat decizjoni minn liema l-beneficjarja ghandha dritt ta' appell ai termini tal-Artikolu

108 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Gialadarba kif jirrizulta mid-dokumenti prezentati li d-decizjonijiet gew ikkomunikati lill-appellata, hija kellha d-dritt li tintavola appell fi tletin (30) gurnata minn meta d-Direttur ikkomunika d-decizjonijiet bil-miktub.

L-appellant jissottometti wkoll li l-argumenti tal-appellata ghal eccezzjoni preliminari huma li hija qatt ma giet notifikata bid-decizjonijiet u ghalhekk qatt ma setghet tappella u wkoll li ma ngabet l-ebda evidenza li hija giet notifikata bid-decizjonijiet stante li d-decizjonijiet lanqas biss intbghatu b'posta registrata. Jghid li l-appellata tkompli tissottometti li *se mai* kellu jkun hemm evidenza ta' notifika tad-decizjoni gudizzjarja u dan a bazi tal-Ligi Sussidjarja 9.22 (Regolamenti dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Atti Gudizzjarji). Dan l-argument gie abbraccjat mill-Arbitru fejn ikkonfermah fid-decizjoni tieghu tal-31 ta' Ottubru, 2018. L-appellant josserva li huwa ma jistax jaqbel mal-argument u dan fid-dawl li l-ligi li giet applikata kemm fid-decizjoni u li saret referenza ghaliha mill-appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u cioe' l-Ligi Sussidjarja 9.22 hija wahda erronja li ma setghetx tigi applikata civilment pero' fil-proceduri kriminali. A kuntrarju referenza xierqa kellha ssir ghal Ligi Sussidjarja 12.12 (Regolamenti dwar in-Notifika ta' Atti Gudizzjarji bil-Posta) u dana stante li d-definizzjoni bejn 'att gudizzjarju' tvarja bejn l-Ligi Sussidjarja 12.12 u l-Ligi Sussidjarja 9.22. L-appellant Direttur jkompli jghid li d-decizjoni tieghu ma tikkostitwix att gudizzjarju stante li tali decizjoni ma tigix prezentata fir-registru tal-Qrati Civili ta' Malta u lanqas ma tohrog minn Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta. Ghaldaqstant il-Ligi Sussidjarja 9.22 ma tistax tigi applikata ghaliex dik tirrigwarda proceduri kriminali

filwaqt li l-Ligi Sussidjarja 12.12 ma tistax tigi applikata ghaliex id-decizjoni tad-Direttur ma tikkostitwix att gudizzjarju.

Id-Direttur issottometta wkoll li l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma tezigi li d-decizjonijiet ghandhom jigu mibghuta b'posta registrata. Jissottometti li l-Arbitru m'applikax l-istess massima ta' min jallega jrid jipprova fil-konfront tal-appellata Yvette Attard fejn allegat li peress li hija toqghod go blokk appartamenti l-posta tithallat ma' tar-residenti l-ohra. L-ebda prova ma ngabet dwar dan.

4. Illi da parti taghha l-appellata Yvette Attard ma resqitx risposta ghall-appell interpost mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali filwaqt li izda l-legali taghha tratta l-appell oralment quddiem din il-Qorti u nsista li d-decizjoni appellata kienet wahda korretta u ghandha tigi konfermata.

5. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghallum. Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

**L-Ewwel aggravju u t-Tieni aggravju**

6. Illi dawn iz-zewg aggravji sejrin jigu trattati flimkien u dana stante li entrambi ghandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni jekk l-appellata gietx notifikata bil-hames (5) decizjonijiet li nghataw bejn il-perijodi tas-17 ta' Gunju, 2010 u s-7 ta' Jannar, 2016.

Fl-ewwel aggravju d-Direttur appellant jishaq li l-appell interpost mill-appellata Yvette Attard quddiem l-Arbitru ma sarx minn decizjoni pero' minn 'reminder' sabiex isir il-hlas relattiv, liema 'reminder' intbghat wara li kienu gia nghataw id-decizjonijiet. Skont id-Direttur l-appell kellu jsir mid-decizjonijiet u mhux mir-'reminder' u ghalhekk l-appell huwa wiehed tardiv. Isegwi ghalhekk li dawk l-aggravji jiddependu ghal kollox mill-kwesit jekk l-appellata Yvette Attard gietx notifikata bid-decizjonijiet. Dan anke fid-dawl li l-istess appellata tishaq li hija ma gietx notifikata bl-imsemmija decizjonijiet.

Jibda billi jinghad illi l-inkartament tal-process quddiem l-Arbitru huwa wiehed pjuttost skars mill-provi u ghalkemm l-appellant Direttur issolleva l-eccezzjoni preliminari li l-appell sar minn 'reminder' u mhux minn decizjoni, prova tad-decizjonijiet kollha u tan-notifika tal-appellata Yvette Attard bid-decizjonijiet ma tezistix fil-process quddiem l-Arbitru.

Illi d-Direttur appellat jargumenta li l-Ligi Sussidjarja 9.22 u l-Ligi Sussidjarja 12.12 li entrambi jikkontjenu regolamenti dwar in-notifiki, ma japplikawx fil-kaz ta' decizjonijiet moghtija mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali. Filwaqt li jghid ukoll li l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jimponi l-ebda obbligu fuq id-Direttur appellanti li jinnotifika d-decizjonijiet b'posta registrata.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Irrispettivament minn x'jghidu l-Ligi Sussidjarja 9.22, il-Ligi Sussidjarja 12.12 u l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta) dwar il-metodu tan-

notifika, xorta jibqa' principju baziku impost fuq id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali u fuq kull istituzzjoni ohra li ghandha awtorita' li taghti decizjonijiet simili, li tassigura li tali decizjonijiet jigu notifikati lill-persuna nvoluta u li tinzamm prova ta' dan. Dan primarjament ghaliex huwa dritt ta' kull individju li jkun jaf bir-rizultanzi li fuqhom inghatat id-decizjoni u li jiddefendi ruhu minn tali decizjoni altrimenti jkun hemm vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali. Dan aktar u aktar fid-dawl li decizjonijiet tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali m'humiex decizjonijiet li ghandhom jittiehdu b'sottilezza tenut kont tal-gravita' tal-konsegwenzi u l-ammonti kbar ta' flus involuti f'certu kazijiet. Jinghad li d-decizjonijiet tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jvarjaw minn decizjonijiet dwar talbiet ghal ghajnuna ghal mard, talbiet ghal ghajnuna socjali *etc* fejn kollha jinvolvu kazijiet b'fatti partikolari. Jekk tinghata harsa lejn dan il-kaz taht ezami, l-appellata Yvette Attard qieghda taffaccja talba tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ghal rimbors ta' erbgha u tletin elf disa' mija tlieta u tletin ewro u tmien centezmi (€34,933.08). Dan l-ammont skont l-appellant gie dovut mill-appellata wara li allegatament inghataw hames (5) decizjonijiet mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali bejn il-perijodi tas-17 ta' Gunju, 2010 u s-7 ta' Jannar, 2016.

Issa, fil-kaz in dizamina mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova li l-appellata Yvette Attard giet notifikata bid-decizjonijiet. Ghal precisazzjoni fil-process hemm decizjoni wahda datata 25 ta' Novembru, 2015 madanakollu ma jirrizultax jekk din id-decizjoni gietx prezentata mill-appellata jew gietx prezentata mid-Direttur appellant. Fi kwalunkwe kaz prova tad-data li din id-decizjoni jew kwalunkwe decizjoni ohra giet

notifikata lill-appellata ma tressqitx quddiem din il-Qorti. L-appellata Yvette Attard xehdet fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2018 fejn hija qalet li '*l-karta li rceviet hija l-karta li hadet ghand l-Avukat…*', madanakollu l-ebda domanda in kontro-ezami ma saret fir-rigward tad-decizjoni tal-25 ta' Novembru, 2015 esebita in atti. Ukoll, mal-appell ta' l-appellata (quddiem l-Arbitru) giet ipprezentata r-'reminder' madanakollu fl-ebda hin u cirkostanza fl-imsemmi appell ma ssir referenza ghad-decizjoni tal-25 ta' Novembru, 2015 li tinsab fil-process. Premess dan li ghadu kif inghad, l-eccezzjoni tan-nullita' giet issollevata mid-Direttur appellanti, ghalhekk kienet tinkombi fuqu li jressaq prova tan-notifika tal-appellata.

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li d-decizjoni tal-Arbitru li l-appell tal-appellata Yvette Attard ma kienx null kienet legalment u fattwalment korretta b'dana li l-appell odjern mhux gustifikat.

Ghaldaqstant din il-Qorti f'dan ir-rigward taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Arbitru u ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti.

<u>**Decizjoni**</u>

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-aggravji kollha tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 31 ta' Ottubru, 2018. Tordna li l-atti jigu rinvijati lura quddiem l-arbitru sabiex l-appell ta' Yvette Attard jkun jista' jigi deciz fuq il-**

**mertu mill-istess Arbitru u dan b'rispett ghall-principju u l-beneficcju tad-doppio esame.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**